



2021/0381(COD)

3.11.2022

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku (COM(2021)0731 – C9-0433/2021 – 2021/0381(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Sabine Verheyen

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta leġislattiva tagħha għal regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, li għandu l-għan li jintroduċi qafas legali li jiżgura livell għoli ta' trasparenza fir-reklamar politiku u s-servizzi relatati.

B'mod ġenerali, ir-Rapporteur tilqa' l-proposta iżda tixtieq tissuġġerixxi serje ta' emendi sabiex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet relatati mat-tixrid tar-reklamar politiku permezz ta' formoli tal-media offline u sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti bejn il-fornituri tas-servizzi tar-reklamar politiku offline u online.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur tenfasizza l-interkonnessjonijiet u l-komplementarjetajiet bejn il-proposta l-ġdida u d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-aspetti ta' governanza, ir-regolament propost mhux neċessarjament jipprevedi l-ħolqien ta' xi awtorità jew korp addizzjonali fil-livell tal-Istati Membri peress li dawn il-kompiti jistgħu jiġu fdati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti, b'mod partikolari, dawk li diġà għandhom rwol fil-qasam tar-regolamentazzjoni tal-media. Madankollu, ir-Rapporteur għandha l-għan li tiċċara ċerti mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha involuti sabiex tipproma timmitiga l-isfidi futuri tal-infurzar.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Fil-kuntest tar-reklamar politiku, ta' spiss jintużaw it-tekniki tal-immirar. It-tekniki ta' mmirar jew amplifikazzjoni jenħtieġ li jinftiehm bħala tekniki li jintużaw jew biex jiġi indirizzat reklamar politiku mfassal apposta biss għal persuna speċifika jew għal grupp ta' persuni, jew biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni, il-firxa jew il-viżibbiltà tar-reklamar politiku. Minħabba s-setgħa u l-potenzjal għall-użu ħażin tad-data personali tal-immirar, inkluż permezz

Emenda

(5) Fil-kuntest tar-reklamar politiku, ta' spiss jintużaw it-tekniki tal-immirar. It-tekniki ta' mmirar jew amplifikazzjoni jenħtieġ li jinftiehm bħala tekniki li jintużaw jew biex jiġi indirizzat reklamar politiku mfassal apposta biss għal persuna speċifika jew għal grupp ta' persuni, jew biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni, il-firxa jew il-viżibbiltà tar-reklamar politiku. Minħabba s-setgħa u l-potenzjal għall-użu ħażin tad-data personali tal-immirar, inkluż permezz

ta' mikroimmirar u tekniki avvanzati oħra, tekniki bħal dawn jistgħu jippreżentaw theddid partikolari għall-interessi pubbliċi leġittimi, bħall-ġustizzja, l-opportunitajiet indaqs u t-trasparenza fil-proċess elettorali u d-dritt fundamentali li wieħed jiġi infurmat b'mod oġġettiv, trasparenti u pluralistiku.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Ir-reklamar politiku bħalissa huwa rregolat b'mod eteroġenu fl-Istati Membri, li f'ħafna każijiet għandu t-tendenza li jiffoka fuq forom tradizzjonali tal-media. Jeżistu restrizzjonijiet speċifiċi inkluż fuq il-fornimenti transfruntieri tas-servizzi ta' reklamar politiku. Xi Stati Membri jipprojbixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-UE stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jipprovdu servizzi ta' natura politika jew b'għan politiku matul il-perjodi elettorali. Fl-istess ħin, f'xi Stati Membri x'aktarx li jeżistu nuqqasijiet u lakuni ***fil-leġiżlazzjoni*** nazzjonali li jirriżultaw f'reklamar politiku li xi drabi jiġi disseminat mingħajr ma jitqiesu r-regoli nazzjonali rilevanti u b'hekk jirriskjaw li jimminaw l-oġġettiv tar-regolamentazzjoni tat-trasparenza għar-reklamar politiku.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 13

ta' mikroimmirar u tekniki avvanzati oħra, tekniki bħal dawn jistgħu jippreżentaw theddid partikolari għall-interessi pubbliċi leġittimi, bħall-ġustizzja, ***il-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu barra mill-Unjoni***, l-opportunitajiet indaqs u t-trasparenza fil-proċess elettorali u d-dritt fundamentali li wieħed jiġi infurmat b'mod oġġettiv, trasparenti u pluralistiku.

Emenda

(6) Ir-reklamar politiku bħalissa huwa rregolat b'mod eteroġenu fl-Istati Membri, li f'ħafna każijiet għandu t-tendenza li jiffoka fuq forom tradizzjonali tal-media. Jeżistu restrizzjonijiet speċifiċi inkluż fuq il-fornimenti transfruntieri tas-servizzi ta' reklamar politiku, ***li jaffettwaw direttament il-kapaċità li jitwettqu kampanji politiċi transfruntiera u pan-Ewropej***. Xi Stati Membri jipprojbixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-UE stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jipprovdu servizzi ta' natura politika jew b'għan politiku matul il-perjodi elettorali. Fl-istess ħin, f'xi Stati Membri x'aktarx li jeżistu nuqqasijiet u lakuni ***fil-leġiżlazzjonijiet*** nazzjonali ***u tal-Unjoni*** li jirriżultaw f'reklamar politiku li xi drabi jiġi disseminat mingħajr ma jitqiesu r-regoli nazzjonali rilevanti u b'hekk jirriskjaw li jimminaw l-oġġettiv tar-regolamentazzjoni tat-trasparenza għar-reklamar politiku.

Test propost mill-Kummissjoni

(13) **Dan ir-Regolament jenħtieġ** li ma jaffettwax il-kontenut sostantiv tar-reklamar politiku u lanqas ir-regoli li jirregolaw il-wiri tar-reklamar politiku, inkluż l-hekk imsejħa perjodi ta' silenzju preċedenti għall-elezzjonijiet jew għar-referenda.

Emenda

(13) **Huwa essenzjali li dan ir-Regolament** ma jaffettwax il-kontenut sostantiv tar-reklamar politiku u lanqas ir-regoli li jirregolaw il-wiri tar-reklamar politiku, inkluż l-hekk imsejħa perjodi ta' silenzju preċedenti għall-elezzjonijiet jew għar-referenda; **Barra minn hekk, huwa essenzjali li dan ir-Regolament ma jaffettwax, u lanqas ma jintuża biex jaffettwa b'xi mod id-dritt fundamentali għal-libertà tal-opinjoni u l-libertà tal-kelma;**

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Id-definizzjoni tar-reklamar politiku jenħtieġ li tinkludi reklamar ippubblikat jew disseminat direttament jew indirettament minn attur politiku jew ippubblikat jew disseminat direttament jew indirettament f'ismu. Peress li r-reklamar minn attur politiku, jew f'ismu, ma jistax jinfired mill-attività tiegħu fir-rwol tiegħu bħala attur politiku, jista' jiġi preżunt li jista' jinfluwenza d-dibattitu politiku, ħlief għal messaġġi ta' natura purament privata jew purament kummerċjali.

Emenda

(16) Id-definizzjoni tar-reklamar politiku jenħtieġ li tinkludi reklamar **imħejji, mixtri, impoġġi**, ippubblikat, **promoss** jew disseminat **bi kwalunkwe mezz** direttament jew indirettament minn attur politiku jew ippubblikat jew disseminat direttament jew indirettament f'ismu. Peress li r-reklamar minn attur politiku, jew f'ismu, ma jistax jinfired mill-attività tiegħu fir-rwol tiegħu bħala attur politiku, jista' jiġi preżunt li jista' jinfluwenza d-dibattitu politiku **jew ir-riżultat ta' elezzjoni jew ta' referendum**, ħlief għal messaġġi ta' natura purament privata jew purament kummerċjali.

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Premessa 17**

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni minn atturi oħra ta'

Emenda

(17) Il-pubblikazzjoni, **il-promozzjoni** jew id-disseminazzjoni minn atturi oħra ta'

messaġġ li jista' jinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew ta' referendum, ta' proċess leġiżlattiv jew regolatorju jew ta' mgħiba ta' votazzjoni jenħtieġ li jikkostitwixxu wkoll reklamar politiku. Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni ta' messaġġ tistax tinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, ta' proċess leġiżlattiv jew regolatorju jew ta' mgħiba ta' votazzjoni, jenħtieġ li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, **bħall-kontenut** tal-messaġġ, il-lingwa użata biex twassal il-messaġġ, il-kuntest li fih jintbagħat il-messaġġ, l-oġettiv tal-messaġġ u l-mezzi li bihom jiġi ppubblikat jew disseminat il-messaġġ. Il-messaġġi dwar kwistjonijiet soċjetali jew kontroversjali jistgħu, skont il-każ, ikunu jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, ta' proċess leġiżlattiv jew regolatorju jew ta' mgħiba ta' votazzjoni.

messaġġ li jista' **u huwa maħsub biex** jinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew ta' referendum, ta' proċess leġiżlattiv jew regolatorju jew ta' mgħiba ta' votazzjoni **jew l-opinjoni pubblika dwar kwistjonijiet soċjetali** jenħtieġ li jikkostitwixxu wkoll reklamar politiku. Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni ta' messaġġ tistax **jew hijiex maħsuba biex** tinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, ta' proċess leġiżlattiv jew regolatorju jew ta' mgħiba ta' votazzjoni, jenħtieġ li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha, **bħall-isponsor tal-messaġġ, il-kontenut** tal-messaġġ, il-lingwa użata biex twassal il-messaġġ, il-kuntest li fih jintbagħat il-messaġġ, l-oġettiv tal-messaġġ u l-mezzi li bihom jiġi ppubblikat, **impoġġi, promoss** jew disseminat il-messaġġ. Il-messaġġi dwar kwistjonijiet soċjetali jew kontroversjali jistgħu, skont il-każ, ikunu jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, ta' proċess leġiżlattiv jew regolatorju jew ta' mgħiba ta' votazzjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) *Il-fehmiet* politiċi *espressi* fil-programmi *ta'* xandiriet lineari *awdjoviżivi* jew ippubblikati *f' media* stampata *mingħajr ħlas dirett jew ħlas ekwivalenti* jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda

(19) *Il-media tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tal-proċessi demokratiċi u taqdi rwol essenzjali fil-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni, b'mod partikolari matul il-perjodi elettorali. Din tipprovi spazju għal dibattitu pubbliku u tikkontribwixxi għall-formazzjoni tal-opinjoni pubblika. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-libertà editorjali tal-media. Il-fehmiet politiċi u kontenut editorjali ieħor li għandu l-għan li jinforma, jiddiverti jew jeduka u li huwa espress taħt ir-responsabbiltà editorjali ta' fornitur ta' servizzi tal-media fil-*

programmi ***tal-media awdjo u awdjoviżiva, inkluż*** xandiriet lineari ***jew mhux lineari,*** jew ippubblikati ***fil-media*** stampata ***jew online jenħtieġ li ma jitqisux bħala reklamar politiku u*** jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament, ***sakemm il-fornitur ma jkunx tħallas jew remunerat minn parti terza għar-reklamar politiku.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Il-litteriżmu medjatiku huwa ċentrali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw il-media b'mod effettiv u sikur. Hija wkoll ħila essenzjali għall-pubbliku li jibbenefika mill-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-reklamar politiku pprovdut minn dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa importanti li jiġi promoss l-iżvilupp tal-litteriżmu medjatiku fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, fis-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà, għaċ-ċittadini ta' kull età.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) Sabiex tiġi koperta l-firxa wiesgħa ta' fornituri tas-servizzi rilevanti marbuta ma' servizzi ta' reklamar politiku, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jiġu mifhuma bħala li jinkludu fornituri involuti fit-tħejjija, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-reklamar politiku.

(26) Sabiex tiġi koperta l-firxa wiesgħa ta' fornituri tas-servizzi rilevanti marbuta ma' servizzi ta' reklamar politiku, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jiġu mifhuma bħala li jinkludu fornituri involuti fit-tħejjija, ***ix-xiri,*** it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-reklamar politiku.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta f'avviż ta' trasparenza li jenħtieġ li jinkludi wkoll l-identità tal-isponsor, sabiex tiġi appoġġgata l-akkontabbiltà fil-proċess politiku. Il-post tal-istabbiliment tal-isponsor u jekk l-isponsor huwiex persuna fiżika jew ġuridika jenħtieġ li jiġu indikati b'mod ċar. Id-data personali dwar individwi involuti fir-reklamar politiku, li ma jkunux relatati mal-isponsor jew ma' attur politiku involut ieħor jenħtieġ li ma tiġix provduta fl-avviż ta' trasparenza. L-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-perjodu ta' tixrid, kwalunkwe elezzjoni relatata, l-ammont minfuq u l-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti fi skambju parzjali jew sħiħ għar-reklam speċifiku, kif ukoll, għall-kampanja kollha tar-reklamar, is-sors tal-fondi użati u informazzjoni oħra biex tiġi żgurata l-ġustizzja tad-disseminazzjoni tar-reklam politiku. Informazzjoni dwar is-sors tal-fondi użati tikkonċerna pereżempju l-oriġini pubblika jew privata tagħhom, il-fatt li dawn joriġinaw minn ġewwa jew minn barra l-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni dwar l-elezzjonijiet jew ir-referenda relatati jenħtieġ li, meta jkun possibbli, tinkludi link għal informazzjoni minn sorsi uffiċjali rigward l-organizzazzjoni u l-modalitajiet għall-parteċipazzjoni jew għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni f'dawk l-elezzjonijiet jew referenda. L-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li jinkludi wkoll informazzjoni dwar kif għandhom jiġu mmarkati r-reklami politiċi f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar in-notifika skont l-Artikoli 14, 15 u 19 tar-Regolament (UE) 2021/XXX [l-Att dwar is-Servizzi

Emenda

(39) Din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta f'avviż ta' trasparenza li jenħtieġ li jinkludi wkoll l-identità tal-isponsor **u, fejn applikabbli, l-entità jew persuna li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla jew tiffinanzja l-isponsor**, sabiex tiġi appoġġgata l-akkontabbiltà fil-proċess politiku. Il-post tal-istabbiliment tal-isponsor u jekk l-isponsor huwiex persuna fiżika jew ġuridika jenħtieġ li jiġu indikati b'mod ċar. **L-istess regoli għandhom japplikaw għall-entità jew il-persuna li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor.** Id-data personali dwar individwi involuti fir-reklamar politiku, li ma jkunux relatati mal-isponsor jew ma' attur politiku involut ieħor jenħtieġ li ma tiġix provduta fl-avviż ta' trasparenza. L-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-perjodu ta' **tqegħid, ippubblikar, promozzjoni u** tixrid, kwalunkwe elezzjoni relatata, l-ammont minfuq u l-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti fi skambju parzjali jew sħiħ għar-reklam speċifiku, kif ukoll, għall-kampanja kollha tar-reklamar, is-sors tal-fondi użati u informazzjoni oħra biex tiġi żgurata l-ġustizzja tad-disseminazzjoni tar-reklam politiku. Informazzjoni dwar is-sors tal-fondi użati tikkonċerna pereżempju l-oriġini pubblika jew privata tagħhom, il-fatt li dawn joriġinaw minn ġewwa jew minn barra l-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni dwar l-elezzjonijiet jew ir-referenda relatati jenħtieġ li, meta jkun possibbli, tinkludi link għal informazzjoni minn sorsi uffiċjali rigward l-organizzazzjoni u l-modalitajiet għall-parteċipazzjoni jew għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni f'dawk l-elezzjonijiet jew referenda. L-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li jinkludi wkoll informazzjoni dwar kif għandhom jiġu mmarkati r-reklami politiċi

Diġitali].

f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar in-notifika skont l-Artikoli 14, 15 u 19 tar-Regolament (UE) 2021/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. **Jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta tkun kompluta u korretta.**

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) **L-informazzjoni** li għandha tiġi inkluża fl-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li tiġi pprovduta fir-reklam innifsu jew tkun tista' tiġi rkuprata faċilment abbażi ta' indikazzjoni pprovduta fir-reklam. **Ir-rekwiżit** li l-informazzjoni dwar l-avviż ta' trasparenza **għandha** tkun, inter alia, viżibbli b'mod ċar **jenħtieġ li jinvolvi li din l-informazzjoni** tkun tidher b'mod prominenti fir-reklamar jew miegħu. Ir-rekwiżit li l-informazzjoni ppubblikata fl-avviż ta' trasparenza trid tkun faċilment aċċessibbli, li tista' tinqara mill-magni fejn ikun teknikament possibbli, u faċli għall-utent jenħtieġ li jkun jindirizza l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. L-Anness I tad-Direttiva 2019/882 (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà) fih rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni diġitali li jenħtieġ li tintuża biex l-informazzjoni politika ssir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Emenda

(40) **L-informazzjoni** li għandha tiġi inkluża fl-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li tiġi pprovduta fir-reklam innifsu jew tkun tista' tiġi rkuprata faċilment abbażi ta' indikazzjoni pprovduta fir-reklam. **Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni tista' tvarja skont il-mezzi użati, filwaqt li jitqies il-karattru tar-reklamar offline. Sabiex tinkiseb faċilment l-informazzjoni fl-avviż ta' trasparenza, jista' jsir użu pereżempju ta' link għal paġna web iddedikata, fuq l-iskrin jew permezz ta' mezz awdjo, kodiċi ta' Rispons Rapidu (kodiċi QR) jew miżuri tekniċi ekwivalenti faċli għall-utent. Il-fornitur tar-reklamar jenħtieġ li jiżgura** li l-informazzjoni dwar l-avviż ta' trasparenza tkun, inter alia, viżibbli b'mod ċar **u jenħtieġ** li tkun tidher b'mod prominenti fir-reklamar jew miegħu. Ir-rekwiżit li l-informazzjoni ppubblikata fl-avviż ta' trasparenza trid tkun faċilment aċċessibbli, li tista' tinqara mill-magni fejn ikun teknikament possibbli, u faċli għall-utent jenħtieġ li jkun jindirizza l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. L-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà) fih rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni diġitali li jenħtieġ li tintuża biex l-informazzjoni politika ssir

aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. **Jenħtieġ li l-interazzjoni mar-rabta jew mezzi ekwivalenti oħra għall-aċċess tal-avviż ta' trasparenza waħedha ma tinftiehemx bħala involviment mar-reklam politiku korrispondenti.**

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Peress li l-pubblikaturi tar-reklamar politiku jagħmlu r-reklami politiċi disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jippubblikaw jew jiddessiminaw dik l-informazzjoni lill-pubbliku flimkien **mal-pubblikazzjoni** jew **mad-disseminazzjoni** tar-reklam politiku. Jenħtieġ li l-pubblikaturi tar-reklamar politiku ma jagħmlux disponibbli għall-pubbliku dawk ir-reklami politiċi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' trasparenza skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni inkluża fl-avviż ta' trasparenza disponibbli permezz tar-repożitorji tar-reklamar ippubblikati skont l-Artikolu 30 tar-Regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-atturi interessati, inklużi r-riċerkaturi, fir-rwol speċifiku tagħhom li jappoġġaw elezzjonijiet jew referenda ħielsa u ġusti u kampanji elettorali ġusti, inkluż billi jiskrutinizzaw l-isponsors tar-reklam politiku u janalizzaw ix-xenarju politiku tar-reklamar.

Emenda

(42) Peress li l-pubblikaturi tar-reklamar politiku jagħmlu r-reklami politiċi disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li **jpoġġu**, jippubblikaw, **jippromwovu** jew jiddessiminaw dik l-informazzjoni **fl-aviż ta' trasparenza** lill-pubbliku flimkien **mat-poġġija, il-pubblikazzjoni, il-promozzjoni** jew **id-disseminazzjoni** tar-reklam politiku. Jenħtieġ li l-pubblikaturi tar-reklamar politiku ma jagħmlux disponibbli għall-pubbliku dawk ir-reklami politiċi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' trasparenza skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna **u magni ta' tiftix online kbar ħafna** skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni inkluża fl-avviż ta' trasparenza disponibbli permezz tar-repożitorji tar-reklamar ippubblikati skont l-Artikolu 30 tar-Regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. **Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li mhumex pjattaformi online kbar ħafna jew magni tat-tiftix online kbar ħafna skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jenħtieġ li jagħmlu disponibbli f'repożitorju l-informazzjoni li tinsab fl-avviż ta' trasparenza. Huwa meħtieġ li l-pjattaformi online kbar ħafna u l-magni tat-tiftix online kbar ħafna jiżguraw aċċess f'ħin reali għal tali informazzjoni. Minħabba l-kuntest tar-**

reklamar politiku u l-impatt tiegħu fuq il-proċessi demokratiċi, ir-responsabbiltà pubblika u s-superviżjoni regolatorja huma meħtieġa biex l-individwi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet politiċi infurmati ħielsa minn interferenza jew manipulazzjoni. Dan se jiffaċilita l-iskrutinju pubbliku u l-ħidma tal-atturi interessati, inklużi r-riċerkaturi, fir-rwol speċifiku tagħhom li jappoġġaw elezzjonijiet jew referenda ħielsa u ġusti u kampanji elettorali ġusti, inkluż billi jiskrutinizżaw l-isponsors tar-reklam politiku u janalizzaw ix-xenarju politiku tar-reklamar.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni

(57) Fir-rigward tas-superviżjoni ta' servizzi intermedjarji online skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtoritajiet kompetenti u jiżguraw li din is-superviżjoni tkun koerenti mal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali f'kull Stat Membru, skont ir-Regolament (UE) dwar is-Servizzi Diġitali, jenħtieġ li, fi kwalunkwe każ, ikunu responsabbli biex jiżguraw il-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u jinvolvu ruħhom, fejn meħtieġ, f'kooperazzjoni transfruntiera ma' Koordinaturi oħra tas-Servizzi Diġitali skont il-mekkaniżmi stabbiliti fir-Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. Fil-qafas tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, **dan il-mekkaniżmu** jenħtieġ li **jkun limitat** għall-kooperazzjoni nazzjonali bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali **[u jenħtieġ li ma jinkludix l-eskalazzjoni għal-livell tal-Unjoni kif previst mir-**

Emenda

(57) Fir-rigward tas-superviżjoni ta' servizzi intermedjarji online skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtoritajiet kompetenti u jiżguraw li din is-superviżjoni tkun koerenti mal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] **u mal-awtoritajiet kompetenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 u mal-awtoritajiet kompetenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, fid-dawl tal-kompetenzi u s-setgħat mogħtija lil tali awtoritajiet skont id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b}. Skont l-ambitu tal-kwistjoni**, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali f'kull Stat Membru, skont ir-Regolament (UE) dwar is-Servizzi Diġitali **jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE**, jenħtieġ li fi

Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Digitali].

kwalunkwe każ, ikunu responsabbli biex jiżguraw il-koordinazzjoni fil-livell nazżjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u jinvolvu ruħhom, fejn meħtieġ, f'kooperazzjoni transfruntiera ma' Koordinaturi oħra tas-Servizzi Diġitali skont il-mekkaniżmi stabbiliti fir-Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], **jew bil-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/13/UE**. Fil-qafas tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, **dawn il-mekkaniżmi** jenħtieġ li **jkunu limitati** għall-kooperazzjoni nazżjonali bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali **jew l-awtoritajiet nazżjonali** li **jimmonitorjaw l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE**.

^{1a} Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1):

^{1b} Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' reattajiet tas-suq li qed jinbidlu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69).

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Premessa 58**

(58) Għas-sorveljanza ta' dawn l-aspetti ta' dan ir-Regolament li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-Istati Membri taħt ir-Regolament (UE) 2018/725 jaħtru awtoritajiet kompetenti. Biex jiġu appoġġati ż-żamma tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji demokratiċi u l-fiduċja pubblika fis-sorveljanza tar-reklamar politiku, huwa meħtieġ li dawn l-awtoritajiet ikunu strutturalment indipendenti minn intervent estern jew minn pressjoni politika u jkollhom is-setgħa xierqa li jimmonitorjaw u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7. L-Istati Membri *jistgħu* jaħtru, b'mod partikolari, l-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.

¹³ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 59

(59) Fejn diġà jeżistu regoli skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-provvista ta'

(58) Għas-sorveljanza ta' dawn l-aspetti ta' dan ir-Regolament li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-Istati Membri taħt ir-Regolament (UE) 2018/725, **u d-Direttiva 2010/13/UE**, jaħtru awtoritajiet kompetenti. Biex jiġu appoġġati ż-żamma tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji demokratiċi u l-fiduċja pubblika fis-sorveljanza tar-reklamar politiku, huwa meħtieġ li dawn l-awtoritajiet ikunu strutturalment indipendenti minn intervent estern jew minn pressjoni politika u jkollhom is-setgħa xierqa li jimmonitorjaw u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7. L-Istati Membri **jenħtieġ li** jaħtru, b'mod partikolari, l-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.

¹³ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

(59) Fejn diġà jeżistu regoli skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-provvista ta'

informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti u l-kooperazzjoni ma' dawk l-awtoritajiet u bejniethom, bħall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], jew dawk li jinsabu fir-Regolament (UE) 2016/679, dawk ir-regoli jenħtieġ li japplikaw mutatis mutandis għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti u l-kooperazzjoni ma' dawk l-awtoritajiet u bejniethom, bħall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], jew dawk li jinsabu fir-Regolament (UE) 2016/679, **jew fid-Direttiva 2010/13/UE**, dawk ir-regoli jenħtieġ li japplikaw mutatis mutandis għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

(62) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru punt ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-punt ta' kuntatt **jenħtieġ, jekk ikun possibbli, li jkun membru tan-Network** Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet. Il-punt ta' kuntatt jenħtieġ li jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti bejn l-Istati Membri fil-kompiti ta' superviżjoni u infurzar tagħhom, b'mod partikolari billi jintermedja mal-punti ta' kuntatt fi Stati Membri oħra u mal-awtoritajiet kompetenti waħedhom.

Emenda

(62) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru punt ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-punt ta' kuntatt **għandu juża strutturi diġà eżistenti tan-Network** Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet **jew tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (ERGA)**. Il-punt ta' kuntatt jenħtieġ li jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti bejn l-Istati Membri fil-kompiti ta' superviżjoni u infurzar tagħhom, b'mod partikolari billi jintermedja mal-punti ta' kuntatt fi Stati Membri oħra u mal-awtoritajiet kompetenti waħedhom.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni

(63) L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġi sanzjonat b'amministrattivi jew minn penali finanzjarji. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu n-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u t-

Emenda

(63) L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġi sanzjonat b'amministrattivi jew minn penali finanzjarji. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu n-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u t-

tul ta' żmien tal-ksur fid-dawl tal-interess pubbliku inkwistjoni, l-ambitu u t-tip ta' attivitajiet imwettqa, kif ukoll **il-kapaċità** ekonomika tal-kontraventur. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqies ir-rwol kruċjali li għandhom l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7 għall-ilħuq effettiv tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jqisu jekk il-fornitur tas-servizz ikkonċernat jonqos b'mod sistematiku jew rikorrenti milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, inkluż billi jdewwem il-provvista ta' informazzjoni lill-entitajiet interessati, kif ukoll, fejn rilevanti, jekk il-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku huwiex attiv f'diversi Stati Membri. Il-penali finanzjarji u l-multi amministrattivi għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi f'kull każ, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-provvista ta' salvagwardji proċedurali suffiċjenti u aċċessibbli, u b'mod partikolari biex jiġi żgurat li d-dibattitu politiku jibqa' miftuħ u aċċessibbli.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) id-Direttiva (UE) 2010/13;

tul ta' żmien tal-ksur fid-dawl tal-interess pubbliku inkwistjoni, l-ambitu u t-tip ta' attivitajiet imwettqa, kif ukoll **id-daqs u l-kapaċità** ekonomika tal-kontraventur. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqies ir-rwol kruċjali li għandhom l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5 u l-Artikolu 7 għall-ilħuq effettiv tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament **u l-ksur ta' dawk l-Artikoli għandu jitqies bħala partikolarment serju**. Barra minn hekk, jenħtieġ li jqisu jekk il-fornitur tas-servizz ikkonċernat jonqos b'mod sistematiku jew rikorrenti milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, inkluż billi jdewwem il-provvista ta' informazzjoni lill-entitajiet interessati, kif ukoll, fejn rilevanti, jekk il-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku huwiex attiv f'diversi Stati Membri. Il-penali finanzjarji u l-multi amministrattivi għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi f'kull każ, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-provvista ta' salvagwardji proċedurali suffiċjenti u aċċessibbli, u b'mod partikolari biex jiġi żgurat li d-dibattitu politiku jibqa' miftuħ u aċċessibbli.

Emenda

(f) id-Direttiva 2010/13/UE;

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. "reklamar politiku" tfisser it-tnejn, it-tqeghid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni, bi

Emenda

2. "reklamar politiku" tfisser it-tnejn, it-tqeghid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni, **il-promozzjoni** jew id-

kwalunkwe mezz, ta' messaġġ:

- (a) minn attur politiku, għalih jew f'ismu, sakemm ma jkunx ta' natura purament privata jew purament kummerċjali; jew
- (b) li jista' jinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, proċess leġislativ jew regolatorju jew imġiba ta' votazzjoni.

disseminazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' messaġġ:

- (a) minn attur politiku, għalih jew f'ismu, sakemm ma jkunx ta' natura purament privata jew purament kummerċjali; jew
- (b) li jista' **u jkun maħsub biex** jinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, proċess leġislativ jew regolatorju jew imġiba ta' votazzjoni **billi jinfluwenza l-opinjoni pubblika dwar kwistjonijiet soċjetali.**

Dan il-kunċett ma jinkludix fehmiet politiċi jew kontenut editorjali ieħor espressi taħt ir-responsabbiltà editorjali ta' fornitur ta' servizzi tal-media, fis-sens tal-Artikolu 1(1), il-punti (c) u (d), rispettivament, tad-Direttiva 2010/13/UE, fil-programmi tal-media awdjo u awdjoviżiva, inkluż ix-xandiriet lineari jew mhux lineari, jew ippubblikati fil-media stampata jew online, sakemm il-fornitur ma jkunx tħallas jew remunerat minn parti terza għal tali kontenut.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. "servizz ta' reklamar politiku" tfisser servizz li jikkonsisti **minn reklamar** politiku **bl-eċċezzjoni ta'** servizz intermedjarju online skont it-tifsira tal-Artikolu 2(f) tar-Regolament (UE) 2021/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] li jiġi pprovdut mingħajr korrispettiv għat-tqegħid, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni għall-messaġġ speċifiku;

Emenda

5. "servizz ta' reklamar politiku" tfisser servizz li **normalment jiġi pprovdut bi ħlas dirett jew remunerazzjoni ekwivalenti, li** jikkonsisti **b'mod partikolari fit-tħejjija, ix-xiri, it-tqegħid, il-pubblikazzjoni, il-promozzjoni jew it-tixrid ta' reklam** politiku, **mingħajr ma jinkludi** servizz intermedjarju online skont it-tifsira tal-Artikolu 2(f) tar-Regolament (UE) 2021/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] li jiġi pprovdut mingħajr korrispettiv għat-tqegħid, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni għall-messaġġ speċifiku;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. "pubblikatur tar-reklamar politiku" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li xxandar, tagħmel disponibbli permezz ta' interfaċċa jew li b'xi mod ieħor **twassal fid-dominju pubbliku** reklamar politiku permezz ta' kwalunkwe mezz;

Emenda

11. "pubblikatur tar-reklamar politiku" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li xxandar, tagħmel disponibbli permezz ta' interfaċċa jew li b'xi mod ieħor **tiddissemina, tqiegħed, tippubblika, tippromwovi jew twassal** reklamar politiku permezz ta' kwalunkwe mezz;

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) dikjarazzjoni li tgħid li huwa reklam politiku;

Emenda

(a) dikjarazzjoni **ċara** li tgħid li huwa reklam politiku:

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-identità tal-isponsor tar-reklam politiku u tal-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor;

Emenda

(b) l-identità tal-isponsor tar-reklam politiku u, **fejn applikabbli**, tal-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla **jew tiffinanzja** l-isponsor;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) avviż ta' trasparenza li ***jiippermetti li jinftiehem il-kuntest*** usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tiegħu, jew indikazzjoni ċara ta' fejn jista' jinkiseb faċilment.

(c) avviż ta' trasparenza li ***jispjega l-kuntest*** usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tiegħu, jew indikazzjoni ċara ta' fejn jista' jinkiseb faċilment.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-avviż ta' trasparenza għandu jiġi inkluż f'kull reklam politiku jew għandu jkun jista' jiġi rkuprat faċilment minnu, u għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

Emenda

2. L-avviż ta' trasparenza għandu jiġi inkluż f'kull reklam politiku jew għandu jkun jista' jiġi rkuprat faċilment minnu, u għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja ***f'format ċar***:

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-identità tal-isponsor u d-dettalji ta' kuntatt;

Emenda

(a) l-identità tal-isponsor ***tar-reklam politiku, il-post tal-istabbiliment tiegħu u d-dettalji ta' kuntatt aġġornati u, fejn applikabbli, l-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla jew tiffinanzja l-isponsor***;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-perjodu li matulu r-reklam politiku jkun maħsub li jiġi ppubblikat u disseminat;

Emenda

(b) il-perjodu li matulu r-reklam politiku jkun maħsub li ***jiġi ppubblikat, jiġi promoss*** u disseminat;

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) abbażi, fost l-oħrajn, tal-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-Artikolu 6(3), l-informazzjoni dwar l-ammonti aggregati minfuqa jew ta' benefiċċji oħra riċevuti bi skambju parzjali jew sħiħ għat-tnejnija, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-reklamar rilevanti, u tal-kampanja tar-reklamar politiku ***fejn*** rilevanti, u ***s-sorsi tagħhom***;

Emenda

(c) abbażi, fost l-oħrajn, tal-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-Artikolu 6(3), l-informazzjoni dwar l-ammonti aggregati minfuqa jew ta' benefiċċji oħra riċevuti bi skambju parzjali jew sħiħ għat-tnejnija, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-reklamar rilevanti, u tal-kampanja tar-reklamar politiku rilevanti, u, ***fil-każ ta' reklam politiku li huwa parti minn kampanja ta' reklamar politiku, informazzjoni dwar is-sorsi tal-ammonti aggregati***;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) fejn applikabbli, links għar-repożitorji online tar-reklami;

Emenda

(e) fejn applikabbli, links għar-repożitorji online tar-reklami ***politiċi***;

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, għandu jittieħed kont tal-ispeċifitajiet tal-mezz ta' publikazzjoni b'mod partikolari biex jiġu adattati l-modalitajiet għas-servizzi tal-media awdjoviżiva, irradju u l-istampa;

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

b. L-isponsors għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun kompluta u korretta.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun kompluta, u fejn isibu li dan ma jkunx il-każ, ma ***għandhomx jagħmlu r-reklam*** politiku disponibbli.

3. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun kompluta, u fejn isibu li dan ma jkunx il-każ, ***il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom jikkumpletaw dik l-informazzjoni. Sakemm tali informazzjoni tiġi kkumpletata, il-pubblikatur tar-reklamar politiku ma għandux jagħmel ir-reklam politiku disponibbli, u għandu jinforma lill-fornituri tas-servizz rilevanti u lill-isponsor kif xieraq.***

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta, wara li jiġi ppubblikat reklam politiku, il-pubblikatur tar-reklamar politiku jsir konxju li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma tkunx preċiża u kompluta, dan għandu jitlob lill-isponsor jew lill-fornituri tas-servizzi rilevanti biex jikkoreġu jew jikkumpletaw dik l-informazzjoni malajr.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-avviżi ta' trasparenza għandhom jinżammu aġġornati u jiġu ppreżentati f'format li jkun faċilment aċċessibbli u, ***fejn ikun teknikament possibbli***, li jista' jinqara mill-magni, ikun viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, inkluż permezz tal-użu ta' lingwaġġ sempliċi. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-pubblikatur tar-reklamar politiku mar-reklam politiku mal-ewwel pubblikazzjoni tiegħu sa sena wara l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu.

Emenda

4. L-avviżi ta' trasparenza għandhom jinżammu aġġornati u jiġu ppreżentati f'format li jkun faċilment aċċessibbli u ***faċilment viżibbli*** li jista' jinqara mill-magni, ikun viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, inkluż permezz tal-użu ta' lingwaġġ sempliċi, ***u fejn applikabbli, ikun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità***. L-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata mill-pubblikatur tar-reklamar politiku mar-reklam politiku mal-ewwel pubblikazzjoni tiegħu sa sena wara l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu. ***L-interazzjoni mar-rabta jew mezzi ekwivalenti oħra għall-aċċess tal-avviż ta' trasparenza ma għandhiex waħedha tinftiehem bħala involviment mar-reklam politiku korrispondenti.***

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2021/xxx [id-DSA] għandhom jiżguraw li r-repożitorji li jagħmlu disponibbli skont l-Artikolu 30 ta' dak ir-regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli għal kull reklam politiku fir-repożitorju.

Emenda

6. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2021/xxx [id-DSA] ***jew magni tat-tiftix online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 33a tar-Regolament (UE) 2021/xxx [id-DSA]*** għandhom jiżguraw li r-repożitorji li jagħmlu disponibbli skont l-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli għal kull reklam politiku fir-repożitorju ***apposta u jiżguraw l-aċċess f'ħin reali għal tali informazzjoni***.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li mhumiex pjattaformi online kbar ħafna jew magni tat-tiftix kbar ħafna skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/xxx [id-DSA] għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'repożitorju ddedikat.*

Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 19 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dwar l-istruttura, l-organizzazzjoni u l-funzjonalitajiet tar-repożitorji msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Il-Kummissjoni għandha tadotta tali att delegat [sa jum/xahar/sena] abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dwar l-għażliet possibbli biex jiġi implimentat ir-rekwiżit stabbilit fih. L-obbligu stabbilit fl-ewwel subparagrafu għandu japplika [X] xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex temenda l-Anness I billi żżid, timmodifika jew tneħħi elementi mill-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 2 fejn, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, emenda bħal din hija meħtieġa għall-kuntest usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tagħha li

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex temenda l-Anness I billi żżid, timmodifika jew tneħħi elementi mill-lista ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 2 fejn, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, ***ir-riċerka xjentifika rilevanti, l-iżviluppi fis-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti u***

jkunu mifhuma.

l-gwida rilevanti maħruġa mill-korpi kompetenti, emenda bħal din hija meħtieġa għall-kuntest usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tagħha li jkunu mifhuma.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Fil-każ ta' servizzi ta' reklamar politiku offline, tal-media stampata u tal-intrapriżi tal-media żgħira, l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikitajiet ta' dawk is-servizzi u ta' dawk it-tipi ta' media.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/13/UE għandu jkollhom is-setgħa li jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/13/UE u għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw il-koordinazzjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. L-Artikoli 30a u 30b tad-Direttiva 2010/13/KEE għandu japplika mutatis mutandis.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar biex ikunu responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-aspetti ta' dan ir-Regolament mhux imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. Kull awtorità kompetenti maħtura skont dan il-paragrafu għandha tgawdi strutturalment minn indipendenza sħiħa kemm mis-settur kif ukoll minn kwalunkwe intervent estern jew pressjoni politika. Hija għandha timmonitorja b'mod effettiv u b'indipendenza sħiħa u tiegħu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti b'mod partikolari fil-qafas tan-networks nazzjonali tal-elezzjonijiet, biex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu u sigur ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji u ta' infurzar tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż billi jidentifikaw il-ksur b'mod konġunt, jikkondividu sejbiet u għarfien espert, u jikkoordinaw dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli rilevanti.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7**

Emenda

3. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar biex ikunu responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-aspetti ta' dan ir-Regolament mhux imsemmija fil-paragrafi 1, ***1a*** u 2. Kull awtorità kompetenti maħtura skont dan il-paragrafu għandha tgawdi strutturalment minn indipendenza sħiħa kemm mis-settur kif ukoll minn kwalunkwe intervent estern jew pressjoni politika. Hija għandha timmonitorja b'mod effettiv u b'indipendenza sħiħa u tiegħu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti b'mod partikolari fil-qafas tan-networks nazzjonali tal-elezzjonijiet ***u fill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva ("ERGA")***, biex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu u sigur ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji u ta' infurzar tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż billi jidentifikaw il-ksur b'mod konġunt, jikkondividu sejbiet u għarfien espert, u jikkoordinaw dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli rilevanti.

Test propost mill-Kummissjoni

7. Kull Stat Membru għandu jaħtar **awtorità** kompetenti bħala punt ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda

7. Kull Stat Membru għandu jaħtar **awtoritajiet** kompetenti bħala punt ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, **u għandu jiżgura kooperazzjoni komprensiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tiegħu u l-Kummissjoni.**

Emenda 42

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 9**

Test propost mill-Kummissjoni

9. Il-punti ta' kuntatt għandhom jiltaqgħu perjodikament fil-livell tal-Unjoni fil-qafas tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet biex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu u sigur ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji u ta' infurzar tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda

9. Il-punti ta' kuntatt għandhom jiltaqgħu perjodikament fil-livell tal-Unjoni fil-qafas tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni **jew l-ERGA** dwar l-Elezzjonijiet biex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu u sigur ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji u ta' infurzar tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda 43

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) id-daqs u l-kapaċità ekonomika tal-fornitur ta' servizz ta' reklamar politiku.

Emenda 44

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-ksur ***tal-Artikolu 7*** għandu jitqies bħala partikolarment serju meta jikkonċerna r-reklamar politiku ppubblikat jew disseminat matul perjodu elettorali ***u*** dirett lejn iċ-ċittadini fl-Istat Membru li fih tkun qed tiġi organizzata l-elezzjoni rilevanti.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Anness I – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-identità u l-post tal-istabbiliment tal-isponsor li ***f'ismu*** jiġi ***mxerred*** ir-reklam, inkluż l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu, u jekk hijiex entità fiżika jew ġuridika.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Anness I – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) kwalunkwe elezzjoni li ***magħha jkun*** marbut ir-reklamar, jekk applikabbli.

4. Il-ksur ***tal-Artikoli 5 u 7*** għandu jitqies bħala partikolarment serju meta jikkonċerna r-reklamar politiku ppubblikat jew disseminat matul perjodu elettorali ***jew*** dirett lejn iċ-ċittadini fl-Istat Membru li fih tkun qed tiġi organizzata l-elezzjoni ***jew referendum*** rilevanti.

Emenda

(b) l-identità u l-post tal-istabbiliment tal-isponsor li ***f'ismu jitħejja, jitpoġġa, jiġi ppubblikat, jiġi promoss u jiġi disseminat*** ir-reklam, inkluż l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu, u jekk hijiex entità fiżika jew ġuridika.

Emenda

(d) kwalunkwe elezzjoni ***jew referendum*** li ***magħhom ikun*** marbut ir-reklamar, jekk applikabbli.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titlu	It-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku
Referenzi	COM(2021)0731 – C9-0433/2021 – 2021/0381(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 13.12.2021
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 13.12.2021
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	5.5.2022
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sabine Verheyen 22.3.2022
Eżami fil-kumitat	1.9.2022
Data tal-adozzjoni	25.10.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Gianantonio Da Re, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Alexis Georgoulis, Catherine Griset, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Elżbieta Kruk, Predrag Fred Matić, Niklas Nienaß, Monica Semedo, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	João Albuquerque, Loucas Furlas, Marcel Kolaja, Rob Rooker
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lefteris Christoforou, Birgit Sippel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

21	+
PPE	Asim Ademov, Lefteris Christoforou, Loucas Furlas, Tomasz Frankowski, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Milan Zver
RENEW	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva, Monica Semedo
S&D	João Albuquerque, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Birgit Sippel, Massimiliano Smeriglio
THE LEFT	Alexis Georgoulis, Niyazi Kizilyürek
VERTS/ALE	Marcel Kolaja, Niklas Nienäß

3	-
ID	Gianantonio Da Re, Catherine Griset
NI	Andrea Bocskor

3	0
ECR	Elżbieta Kruk, Rob Rooken, Andrey Slabakov

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet